MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 12/2003

**Joseph Difesa**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datat 9 ta' Gunju 2003 a fol. 2 sa 4 fejn gie premess:-

1. Illi permezz ta' applikazzjoni numru PA 6914/97, l-appellat Joseph Difesa ssottometta applikazzjoni ma' l-Awtorita' appellanta fejn talab *to change of use to a hall for receptions and public functions and additional parking, f'Villa Difesa, Triq San Gwann, Bahar ic-Caghaq.*

1. Illi l-applikazzjoni giet rifjutata mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp ghas-segwenti ragunijiet elenkati a fol. 2 tad-decizjoni tal-Bord ta' l-appelli hawn annessa u markata bhala Dok "IJS 1".

2. Illi l-istess Joseph Difesa appella minn din id-decizjoni quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar.

3. Illi l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, fir-risposta taghha quddiem il-Bord ta' l-Appell, talbet li l-istess Bord jichad l-appell interpost minn Joseph Difesa, u bhala eccezzjoni preliminari min-naha ta' l-Awtorita' appellanta tressqet dik tal-*res judicata.*

4. Illi permezz ta' decizjoni preliminari moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fit-tletin (30) t'Ottubru 2000 l-istess Bord iddecieda billi cahad l-eccezzjonijiet ta' *res judicata* mressqa mill-Awtorita' appellanta.

5. Illi l-Awtorita' appellanta hasset ruhha aggravata minn din id-decizjoni preliminari u ressqet appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

6. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell f'decizjoni moghtija fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju 2002 cahdet l-appell interpost mill-Awtorita' appellanta *stante* li ma jistax isir appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell minn decizjoni preliminari tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

7. Illi l-atti ta' l-appell intbaghtu quddiem il-Bord ta' l-Appell biex l-appell jinstema' fil-mertu, u f'decizjoni moghtija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju 2003, il-Bord ta' l-Appelli laqa' l-appell interpost mill-appellant u ordna li jinhareg il-permess taht certu kundizzjonijiet.

Illi l-esponenti thoss ruhha aggravata minn dina d-decizjoni u ghaldaqstant qeghda tinterponi dan l-Appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

1. Illi l-Bord ta’ l-Appelli fid-decizjoni tieghu tat-tletin (30) t’Ottubru 2000 kien zbaljat meta ddecieda illi l-eccezzjoni sollevata mill-appellanta rigwardanti ir-*res judicata* ma kenitx tissussisti. A skans ta’ ripetizzjonijiet inutili, ikun aktar opportun li l-atti ta’ l-appell quddiem l-Onorabbli Qrti ta’ l-Appell numru 380/00 jigu annessi ma’ l-atti ta’ l-appell odjern, u l-Awtorita’ appellanta taghmel referenza ghar-rikors ta’ l-appell interpost fl-atti numru 380/00.

2. Illi *oltre* dan, id-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar tat-23 ta’ Mejju 2003 hija daqstant iehor zbaljata *stante* li punti ta’ Ligi essenjali ghall-validita’ ta’ l-istess decizjoni gew decizi hazin. U dan principarjament minhabba l-fatt illi l-Bord ta’ l-Appelli tratta u sussegwentement impona kundizzjonijiet li qatt ma kienu trattati quddiem l-Awtorita’ appellanta, tant illi l-permess inhareg mill-istess Bord fuq pjanti u certifikazzjonijiet li lanqas biss kienu ghadhom gew sottomessi quddiem l-istess Bord. F’din ic-cirkostanza, il-Bord ta’ l-Appelli biddel il-kompetenza tieghu minn dik ta’ tribunal revizorju ghal wahda ta’ tribunal originali (*vide* f’dan is-sens id-decizjoni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **“Dr. George Cassar vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (25/01 - decizjoni 26 ta’ Mejju 2003).

3. Illi certament, meta wiehed iqis it-tip ta’ zvilupp mertu tal-vertenza odjerna, johrog car illi l-Bord agixxa *ultra vires* il-poteri tieghu stabbilit mill-Ligi meta approva li kundizzjonijiet importantissimi, liema kundizzjonijiet ghandhom necessarjament jinvolvu xoghlijiet strutturali, u liema xoghlijiet il-Bord awtorizza li jsiru QABEL

4. ma jinhareg il-permess relattiv. Dan certament imur *oltre* mill-poteri tal-Bord ta’ l-Appelli, *stante* li mkien fil-Ligi ma tezisti din is-soluzzjoni addottata mill-Bord, u liema soluzzjoni giet recentement dikjarata nulla minn dina l-Onorabbli Qorti (*vide* Cassar vs DCC *supra*).

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti bir-rispett kollu titlob li dina l-Onorabbli Qorti ghandha thassar u tirrevoka d-decizjonijiet moghtija mill-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar fit-tletin (30) t’Ottubru 2000 u fit-tlieta u

ghoxrin (23) ta' Mejju 2003 fl-ismijiet premessi, u konsegwentement tordna illi l-atti ta' l-istess proceduri jigu rinvjati quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar sabiex il-Bord ta' l-Appelli jirregola ruhu skond id-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta ta' Joseph Difesa a fol. 6 u 7 tal-process:-

Illi fl-ewwel lok l-appell huwa null billi ma hemm l-ebda punt ta' ligi fl-appell in kwistjoni.

Illi fit-tieni lok dwar l-appell mill-ewwel decizjoni in kwantu gie deciz li ma hemmx *res judicata* fi kwistjonijiet amministrattivi din hija enuncjazzjoni korretta tal-ligi, pero' d-decizjoni tibbaza ruhha primarjament fuq il-fatt li l-applikazzjoni in kwistjoni kellha aspetti materjali differenti mid-decizjoni precedenti u ghalhekk bhala fatt ma kienx hemm ir-*res judicata.* Din hija decizjoni ta' fatt u ma timmanifesta l-ebda zball ta' ligi u ghalhekk ma hix appellabbli. *Inoltre* dwar dan il-punt l-awtorita' kienet diga' precedentement intavolat appell li gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Gunju 2002 billi l-appell interpost mill-Awtorita' gie dikjarat irritu u null. Ladarba l-Awtorita' ghazlet dik it-triq ma tistax issa terga' ghat-tieni darba tinterponi appell gdid minn decizjoni li hija gja' kienet precedentement appellat.

Illi fit-tielet lok l-impozizzjoni ta' kundizzjonijiet fuq il-hrug tal-permess hija wahda mill-mansjonijiet ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Mhux korrett li jinghad li l-Bord approva kundizzjonijiet li jinvolvu alterazzjonijiet strutturali jew bdil tal-pjanti ezistenti. Huwa car li l-Bord iddecieda fuq il-pjanti li kellu quddiemu u fuq xejn izjed. *Inoltre* ddecieda fid-dawl ta' dak li gie deciz originalment mill-awtorita' u li gie sussegwentement dibattut quddiemu. Huwa ovvju, jigi sottomess, li f'kaz fejn il-Bord jiddeciedi li ghandu jilqa' appell mir-rifjut, jimponi ghall-hrug ta' permess dawk il-kundizzjonijiet taht liema dak il-permess ghandu johrog li jidhirlu xieraq u ghaqli. Infatti l-ligi espressament taghti l-Bord id-dritt li jikkonferma, jirrevoka, jew ibiddel id-decizjoni appellata u li jimponi u jaghti dawk id-direttivi li jidhrilha approprjati. Fil-kaz in kwistjoni huwa

evidenti li l-Bord ma ghamel l-ebda enuncjazzjoni zbaljata ta' ligi. Il-kundizzjonijiet imposti mill-Bord evidentement ma jinvolvu ebda tibdil strutturali u ma jistax wiehed jimmagina ghal x'hiex qieghed jirreferi l-appellant meta jasserixxi li tali tibdil kien bilfors involut fil-kundizzjonijiet imposti. Jekk wiehed jirriferixxi ghall-kundizzjonijiet dwar *sound proofing* u attrezzatura ghat-tifi tan-nirien huwa evidenti li dawn ma jinvolvu ebda tibdil strutturali. Fir-rigward l-appellat huwa fil-qaghda li juri li jezistu gja' l-kundizzjonijiet fil-lokal sabiex dak li gie mpost fil-permess jinsab awtomatikament sodisfatt. Ghalhekk ma hux minnu li l-Bord ra xi pjanti li ma kienux sottomessi originarjament jew ikkontempla xi tibdil strutturali fil-bini in kwistjoni. L-aggravju ta' l-appellant huwa kompletament infondat bhala fatt.

L-appellat jipprotesta ruhu fil-konfront tal-appellant ghat-telf li huwa jqieghed ibaghti bil-fatt li dawn il-proceduri bil-prezenti appell qeghdin jittawlu inutilment. Waqt li mhux negat id-dritt ta' parti li tappella certament ma hemm xejn fid-decizjoni li jiggustifika li jsir dan l-appell.

Ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 16 ta' Lulju 2003, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Joseph Difesa vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-rikors ta' Joseph Difesa tal-21 t'Ottubru 2003 fejn talab li l-appell jigi rikjamat biex jinstema' f'data aktar vicina.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 27 t'Ottubru 2003 fejn laqghat it-talba u rrikjamat l-appell ghall-24 ta' Novembru 2003

Rat il-verbali tas-seduti tal-24 ta' Novembru 2003 fejn fuq talba tad-difensuri l-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-process

Appell Nru. 380/00, u tat-12 ta' Jannar 2004 fejn id-difensuri trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghas-26 ta' Mejju 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illli l-appell ta' l-Awtorita' huwa pprezentat fuq zewg binarji. Fl-ewwel lok l-istess Awtorita' appellanti qed issostni li ma jaqbilx mad-decizjoni preliminari tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 30 ta' Ottubru 2000 fejn cahdet l-eccezzjoni tieghu ta' *res judicata* stante, li filwaqt li ghamlet referenza ghall-atti tal-appell minnha sottomessi quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kors tal-kawza fl-ismijiet **"Joseph Difesa vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilipp"** deciza fit-28 ta' Gunju 2002, l-istess Awtorita' appellanti ssostni li kulma ghamel l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien biss li sempliciment ddecieda din l-eccezzjoni b'mod generali fuq il-motiv li *policies* jinbidlu minn sena wara sena kif ukoll li *policies* jigu applikati b'certu nkonsistenza bil-konsegwenza li fil-kaz in ezami l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma dahalx fil-mertu proprju tal-kaz, kif kellu d-dmir li jaghmel, u dan billi jezamina l-atti u l-fatti specji partikolari tal-kaz biex jaghti decizjoni fuq l-eccezzjoni tar-*res judicita*, proprju li tolqot il-kaz odjern.

Illi jigi nnutat li dan l-appell appena msemmi maghmul ukoll mill-appellanti odjern fuq l-istess decizjoni prelimnari quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kien gie michud fuq punt ta' procedura li tali appell qabel decizjoni finali tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma kienx permessibbi minhabba dak li sostniet li hemm provdut fil-**Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u in verita' ghamlet referenza ghall-**artikolu 229.**

Illum is-sitwazzjoni hija l-istess pero' hija regolata bis-**sub-artikolu 2 ta' l-artikolu 15** ta' l-**Att Numru 1 ta' l-1992** li jipprovdi li:-

*"(2) Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-**artikolu 41 (6)** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord".*

Illi l-**artikolu 15 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp** gie emendat tliet darbiet minn meta dan l-Att dahal fis-sehh. Di fatti gie emendat permezz ta' l-**Att Numru XXIII/1997,** sussegwentement gie emendat bl-**Att Numru VI tal-2001** u finalment gie emendat bl-**Att Numru XXI tal-2001**, u ghalhekk il-pozizzjoni attwali hija dik kif indikata fis-sentenza **"John Mary Deguara vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 24 ta' Marzu 2003) li ghaliha qed issir referenza.

Illi ghalhekk isegwi li ovvjament l-aggravju u l-eccezzjoni ta' *res judicata* ma giex trattat fil-mertu mill-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-istess decizjoni hawn citata, u huwa ghalhekk li wara d-decizjoni finali tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar f'dan il-kaz, l-istess Awtorita' appellanti regghet riavvivat l-aggravju taghha fuq d-decizjoni preliminari tal-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, li ovvjament tista' ssir proprju minhabba dak provdut fl-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356,** wkoll appena citat, li jistipula li proprju huwa f'dak l-istadju tad-decizjoni finali li l-appell jista' jsir.

Illi s'hawn l-appell ta' l-Awtorita' appellanti huwa *in regola* minkejja dak li rribatta l-appellat, u jonqos biss li jigi ezaminat l-aggravju ta' l-Awtorita' appellanti fil-mertu fejn l-appellat qed jghid li l-ewwel decizjoni, ovvjament tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hija gusta *stante* li huwa jghid li l-istess Bord iddecieda sew *"li ma hemmx res judicata f'kwistjonijiet amministrattivi din hija enuncjazzjoni korretta tal-ligi;* (sottolinear ta' din il-Qorti); *pero' d-decizjoni tibbaza ruhha primarjament fuq il-fatt li l-applikazzjoni in kwistjoni kellha aspetti materjali differenti mid-decizjoni*

*precedenti u ghalhekk bhala fatt ma kienx hemm ir-res judicata……"*

Illi l-Qorti fl-ewwel lok tinnota li s-sottomissjonijiet tal-appellat f'dan ir-rigward, u specjalment fejn gie sottolineat minn din il-Qorti fil-bran citat mir-risposta ta' l-appell tal-appellat, ma jistghux jigu accettati minn din il-Qorti, fil-kontest tal-ewwel eccezzjoni moghtija mill-istess appellat fir-risposta tieghu fejn qed jghid li l-appell huwa null ghaliex ma fih l-ebda punt ta' ligi. Dan peress li huwa stess qed jghid li bl-enuncjazzjoni tal-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li l-kaz ta' *res judicata* ma japplikax ghall-kazijiet ta' ppjanar u zvilupp din hija dikjarazzjoni ta' l-istat attwali tal-ligi. In verita' l-appellat sew qal li dan huwa punt ta' ligi ghaliex id-determinazzjoni mill-istess Bord ta' l-Appell jekk l-istitut jew il-kuncett ta' *res judicata* japplikax ghall-kazijiet odjerni huwa fil-fatt punt ta' dritt li dwaru huwa permissibbli li jsir appell quddiem din il-Qorti abbazi ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356** gja' citat. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta' l-appellat ghal dan l-appell, almenu fuq l-ewwel aggravju qed tigi rigettata.

Illi kwantu ghall-mertu tal-aggravvju ta' l-Awtorita' appellanti odjerni u tal-vantazzjoni taghha fuq espressa, u wkoll sottomessa fl-atti ta' l-appell li sar quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha citat jidher li huwa ben fondat *stante* li minn ezami tad-decizjoni preliminari tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kulma ghamel l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien biss li skond huwa annuncja dak li huwa hass li huma principji generali ghall-appelli li jsiru quddiemu, kif jidher minn pagna 7 ta' l-istess decizjoni bla ma ezamina l-kaz li kien jirreferi ghalih l-istess appellant odjern u li sahansitra kien gie deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-appell fl-ismijiet identici ghal dak odjern **"Joseph Difesa vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. 24 ta' Gunju 1997 – Appell Numru 181/1997). Fil-fatt jidher car mill-konsiderazzjonijiet ta' l-istess decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li l-Bord fil-fatt ma ghamel xejn minn dan izda qal li *"fl-isfond ta' policies li jinbidlu sena wara sena – u policies li jigu applikati b'cetu nkonsistenza il-Bord huwa ta' l-opinjoni li l-*

*eccezzjoni ta' nullita' mqajma mill-Awtorita' ghandha tigi michuda".*

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjannar (aktar 'il quddiem riferut bhala l-Bord) lanqas biss indenja ruhu jezamina l-kaz li saret ghalih riferenza mill-Appellant, u fin-nuqqas ta' dan ma' seta' qatt ikun f'pozizzjoni li jiddeciedi dwar il-kuncett jew eccezzjoni ta' *res judicata.* Dan ifisser ukoll li l-istess Bord ippekka wkoll meta naqas li jaghti konsiderazzjoni serja u dovuta ghas-sottomissjonijiet ta' wahda mill-partijiet quddiemu, li huwa fl-obbligu li jaghmel in vista tal-principju ta' *cerimus paribus* li japplika wkoll ghall-Bord medesimu u dan ukoll fil-konfront tal-Awtorita' kif gie deciz fid-decizjonijiet ta' dawn il-Qrati u senjatament fil-kazi l-ismijiet **"Michael Gatt vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (sentenza tad-19 ta' Novembru 2001 – Appell numru 220/00). **"Max Zerafa vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 12 ta' Jannar 2004) **"Jimmy Vella vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 24 ta' Marzu 2003) u **"Louise Farrugia vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 24 ta' Frar 2003).

Illi l-appellat jghid li l-istess Bord fl-imsemmija decizjoni preliminari ddecieda li l-kuncett ta' *res judicata* ma' japplikax ghal decizjonijiet dwar zvilupp. Illi pero' in verita' ma jirrizutax lil din il-Qorti li l-Bord qal ezatt hekk. Dak li qal l-istess Bord kien li biex tapplika r-*res judicata* jrid ikun hemm *"kollox l-istess sia mill-lat ta' applikant sia mill-lat ta' applikazzjoni u sia mill-lat ta' policies applikabbli".* Dan il-kumment ma jwassalx, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ghal dak li qed jghid l-appellat, anzi din il-Qorti thoss li din hija enuncjazzjoni mill-istess Bord li jekk jkunu jezistu tali rekwiziti mela allura *r-res judicata* tapplika, ghalkemm il-Bord indika li huwa difficli li jara kif dan jista' jsir minhabba dak li sejjah applikazzjoni *"b'inkonsistenza"* ta' diversi *policies*, dikjarazzjoni serjessima fic-cirkostanzi li certament l-Awtorita' ghandha tindaga, li mhux il-kaz.

Ill pero' jidher car li l-istess Bord ghamel din l-enuncjazzjoni b'mod ghal kollox *gratuitu* meta wiehed ihares lejn il-kaz in ezami, *stante* li din intqalet in *vacuum*,

bla ebda referenza la ghaz-zewg applikazzjonijiet ta’ l-istess appellat odjern li l-Awtorita’ attirat l-attenzjoni tal-Bord ghalihom, u lanqas saret referenza ghall-*policies* li skond l-istess Bord kienu qed jigu applikati b’tant inkonsistenza, li kwazi ta x’jifhem li l-operat tal-Awtorita’ huwa wiehed bla ebda regoli.

Illi mhux hekk biss izda dak li qal l-istess Bord huwa wkoll legalment inkorrett, *stante* li l-Awtorita’ u l-istess Bord huma tenuti f’kull decizjoni taghhom li josservaw il-pjanijiet ta’ struttura u l-*policies ta’ l-ippjanar* abbazi tad-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 33 (1) tal-Kap 356** applikati ghall-Bord skond dak stipulat **fl-artikolu 15 (12) tal-istess Kap,** u certament kontra li qal l-istess Bord, huwa stess huwa obbligat li japplika l-istess *policies* u dan ghandu jsir b’mod konsistenti mal-ligi u ma’ l-istess *policies.*

Illi mhux hekk biss izda mill-gurisprudenza vigenti jirrizulta li l-kuncett ta’ *res judicata* ma hijiex eskluza l-applikazzjoni tieghu f’kazijiet ta’ zvilupp jekk jinkorru l-elementi ta’ l-istess eccezzjoni u cjoe’ (1) *“eadem res”;* (2) *eadem causa petendi”;* u (3) *“eadem personae”,* u jekk ic-cirkostanzi kollha nkluz l-*policies* apllikabbli huma l-istess aktar u aktar meta l-Bord ghandu funzjoni ta’ tribunal *quasi gudizzjarju* u dan huwa soffermat mis-sentenza **“Victor Chetcuti vs l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.C. 31 ta’ Mejju 1996) u fid-decizjoni **“Alex Montanaro noe vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.C. 9 ta’ Frar, 2001).

Illi fil-fatt fl-istess decizjoni msemmija ta’ **“Joseph Difesa vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.C. 28 ta’ Gunju 2002) l-istess Qorti qalet li *huwa risaput li meta decizjoni ta’ Qorti jew ta’ Tribunal tkun wahda finali, l-istess decizjoni tkun tikkostitwixxi “ligi” ghall-partijiet. Is-sahha tal-gudikat huwa proprju hawn:- li l-partijiet ikunu marbutin li josservaw dak li d-decizjoni finali tkun iddecidiet. Ghalhekk, ma jistghux iqajmu l-istess kaz mill-gdid. Jekk xi hadd minnhom jittanta jaghmel hekk, il-parti l-ohra tista’ tissolleva l-eccezzjoni ta’ res judicata. Din l-eccezzjoni tintlaqa’ jekk ikun jissussisti l-konkors tat-tliet elementi, cjoe’ “eadem personae”, “eadem res”, u eadem*

*cautio petendi". Fi kliem iehor din l-eccezzjoni tintlaqa' jekk is-sentenza ta' qabel tkun inghatat f'kawza bejn l-istess persuni, maghmula ghal-istess oggett, u fuq l-istess kawzali".*

Illi huwa veru li l-istess Qorti ma ghaddietx biex finalment trattat jekk tali eccezzjoni kienitx tapplika ghal decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, pero' din il-Qorti thoss li huwa car mill-istess bran ukoll li ma hemm xejn x'josta ghall-applikazzjoni tal-istess principju ghall kazijiet quddiem l-istess Bord u wkoll quddiem din il-Qorti, ovvjament dawn mehuda fl-optika tal-ligijiet ta' ppjanar, li huma l-unika ligijiet li l-istess Bord ghandhu kompetenza dwarhom b'dan pero' li l-istess eccezzjoni hija intiza sabiex tevita li applikant jerga jittenta jipprezenta l-istess kaz medissimu quddiem l-istess organu li tah l-ewwel decizjoni. Fil-fatt inghad li *if the original decision is intta vires then it is binding simply because it is a lawful decision given by the appropriate body. The term res judicata is of use to prevent frequent attempts to determine the same point".* Illi ghalhekk in vista ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-ewwel aggravju tal-Awtorita' appellanti ghandu jigi milqugh.

Illi t-tieni aggravju tal-Awtorita' appellanti huwa dwar id-decizjoni finali tal-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, fejn l-istess Awtorita' qed isostni li l-istess decizjoni tat-23 ta' Mejju 2003 hija zbaljata legalment *stante* li l-istess Bord ta' l-Appell impona kundizzjonijiet godda ghall-hrug tal-permess li qatt ma gew trattati quddiem l-istess Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u b'hekk biddel il-kompetenza tieghu minn dak ta' tribunal revizorju ghal wahda ta' tribunal originali, u dan wkoll kien *ultra vires* peress li awtorizza li jsiru xoghlijiet qabel il-hrug tal-permess.

Illi fil-fatt minn ezami ta' l-istess decizjoni jirrizulta li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar awtorizza l-hrug tal-permess ghal Villa Difesa, Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq ghall-*"change of use to hall for recepitions and Public functions and additional parking"* bil-kondizzjonijiet li s-sala in kwistjoni tigi *inter alia* attrezzta b'materjal ta' *sound*

*proofing* u b'sistema ta' *fire safety* u kundizzjonijiet ohra kif ghandha topera l-istess sala kollha elenkati f'pagna 20 u 21 ta' l-istess decizjoni.

Illi minn dan kollu jirrizulta li ma hemm l-ebda dubju li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar laqa' l-istess appell fuq kundizzjonijiet li qatt qabel ma kienu gew trattati quddiem il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, li kienu jikkonsistu f'kundizzjonijiet ghal kollox godda minn dawk sottomessi u kkunsidrati mill-istess Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, tant li imkien mill-atti li kellu quddiemu l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma jirrizulta li dawn l-kundizzjonijiet kienu b'xi mod diskussi mill-istess Kummissjoni ta' Zvilupp.

Illi kif inghad fid-decizjoni **"Dr. George Cassar vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 26 ta' Mejju 2003) *"dan huwa bizzejjed sabiex jinghad li l-istess Bord tal-Appell mar ultra vires, peress li ladarba tratta kundizzjonijiet godda ghall-istess zvilupp, necessarjament biddel il-kompetenza tieghu minn dik ta' tribunal revizjonali ghal wahda ta' tribunal orginali, b'dan li fuq l-istess fatti minnu biss kkunsidrati huwa nnega d-dritt ta' appell lill-parti aggravata".*

Illi mhux hekk biss izda meta fil-parti dispozittiva tad-decizjoni tieghu l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ddecieda li *"jordna li jinhareg il-permess relattiv suggett ghall-kundizzjonijiet standard u ghall-kundizzjonijiet (a) sa (h) hawn imsemmija fi zmien xahar minn meta l-appellant jipprezenta c-certifikati msemmija fil-paragrafi (a) u (d) ta' lista ta' kundizzjonijiet f'din id-decizjoni…."* jirrizulta li l-istess allura li l-istess Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar awtorizza u addirittura ordna li jsiru xoghlijiet qabel ma jinhareg u jigi approvat il-permess relattiv, u dan biss a bazi tad-decizjoni minnu moghtija.

Illi certament li dan kollu jmur *oltre* l-kompetenza ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, kemm in sostanza u kemm b'mod ta' applikazzjoni tal-istess decizjoni, u dak kollu li nghad u gie deciz mill-istess Bord jmur *ultra vires* il-poteri tieghu tant li jidher li l-istess Bord mar *ben oltre* l-

kompetenza tieghu u mhux biss dawwar ghalih il-funzjoni orginali ta’ l-Awtorita’ li hija tohrog il-permess, izda addirittura uzurpa l-funzjoni taghha billi mpona kundizzjonijiet godda prezentati l-ewwel darba biss quddiemu, bla ebda riferiment ghall-organi l-ohra kompetenti ta’ l-istess Awtorita’. Apparti dan kollu awtorizza li jsiru xoghlijiet u allura zvilupp qabel il-hrug u l-approvazzjoni ta’ permess mill-Awtorita’, haga li huwa stess flimkien ma’ organi ohra ta’ l-istess Awtorita’ suppost qeghdin hemm biex jevitaw li jsiru minn terzi persuni. Illi f’dan is-sens ukoll hija d-decizjoni ricenti fl-ismijiet **“Louis Van Den Bossche vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp et”** (A.I.C. (RCP) 26 ta’ Frar 2004). Illi dan kollu certament iwassal sabiex l-istess decizjoni finali tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar tigi ddikjarata nulla u bla effett *stante* li hija *ultra vires* il-poteri tal-istess Bord kif sanciti u regolati mill-Ligi u senjatament mill-**Kap 356.**

Illi dan apparti l-fatt Ii bl-istess decizjoni jidher ukoll li l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ma osservax id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 33 (1)** kif huwa tenut li jaghmel skond dak stipulat fl-**artikolu 15 (12)** fejn huwa obbligat li josserva l-pjanijiet ta’ zvilupp inkluzi l-Iskemi dwar Provvedimenti Temporanji u l-*policies ta’ l-ippjanar.*

Illi fid-dawl ta’ dan kollu jirrizulta li l-appell ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar ghandu jigi milqugh u d-decizjonijiet kemm preliminari u finali tal-Bord tal-Appell ta’ l-Ippjanar ghandhom u qed jigi revokati.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad r-risposta ta’ l-appellat Joseph Difesa** datata 13 ta’ Gunju 2003 in kwantu l-istess huma kontrastanti u nkompatibbli ma’ dawk hawn deciz, u **tilqa’ l-appell interpost mill-Awtorita’ appellanti fir-rikors taghha datat 9 ta’ Gunju 2003** fis-sens hawn deciz, b’dan illi tannulla d-decizjonijiet appellati tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **“Joseph Difesa vs L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-**

**Ippjanar" tat-30 ta' Ottubru 2003 u tat-23 ta' Mejju 2003** u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, sabiex fid-dawl ta' din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skond il-ligi.

Illi l-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu a karigu ta' l-appellat Joseph Difesa.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------